Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

**Appell Numru: 411 / 2016**

Il-Pulizija

vs

**Jonathan Farrugia**

Illum, 16 Lulju, 2019

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Jonathan Farrugia, iben Raymond, imwieled Pieta' fis-17 ta' Mejju, 1988, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 239888 (M), akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli fl-24 t' Awissu 2013 u fix-xhur ta` qabel, iffalsifika biljett tal-flus jew mexxa biljett ta` flus iffalsifikat, bi ksur tal-Art. 45 (1) tal-Kap 204, illi, minghajr awtorita legali jew skuza legittima xtara jew irceva minghand xi persuna biljett/i tal-flus foloz, bi ksur tal-Art. 46 tal-Kap 204 tal-Ligijiet ta` Malta;

Kien akkuzat wkoll talli kellu fill-pussess tieghu u uza xjentament karti li jixbhu l-karti proprji ta` flus jew xi karta specjali li tixbah l-istess biljetti ta`flus. Fla-ahharnett, kien akkuzat talli irrenda ruhu recediv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-28 ta' Lulju, 2016 fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 17, 23, 31, 49, 50 u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikoli 45 (1), 46, 47 (a), 50 (3) u 50 (4) tal-Kap 204 tal-Ligijiet ta' Malta, ma sabitx lill-imsemmi imputat hati tal-ewwel akkuza, u ghaldaqstant illiberatu minnha. Sabet lill-imsemmi imputat hati tat-tieni, t-tielet u r-raba' akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u kkundannatu ghal 18 il-xahar prigunerija.

Ordnat l-konfiska tal-flus foloz esebiti bhala Dok MB1 f' idejn il-Bank Centrali ta' Malta.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

Rat ir-rikors tal-appellanti Jonathan Farrugia minnu pprezentat fit-8 ta' Awwissu, 2016 fejn talab lil din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi:

(i) Tikkonfermha fil-parti fejn sabet lil appellant mhux hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontrieh, u cjoe, fl-ewwel akkuza;

(ii) Thassarha u tirrevokha fil-parti fejn sabitu hati u cjoe, fit-tieni, t-tielet, u r-raba imputazzjonijiet, u kwindi tilliberah skond il-Ligi minn dawn l-imputazzjonijiet, htija u piena;

(iii) Minghajr pregudizzju, f' kaz li dan l-appell ma jintlaqax, alternittivament, tirriformha in rigward tal-piena nflitta mill-Ewwel Qorti fl-ismijiet hawn premessi, u tinfliggi piena aktar idoneja, u anqas harxa u li tirrispekkja il-kaz in ezami.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe' :-

Illi hawn si tratta tal-*falso grossolano*. Huwa inkoncevibbli illi persuna tmur tixtri permezz ta` flus karti A4 tip, u jqarraq lil min jkun qed jbiegh! Dan jintqal f' diversi decizjonijiet mghotija mill-Cassazione Taljana, liema Qorti tapplika tesijiet mittiehda mill-Manzini u Impallomeni bhal duttrina taghna.

*"l' ipotesi dif also grossolano ricorre quando si e' in presenza di falsi immediatamente rilevabili <u>ictu oculi</u> senza la necessita di particolari indagini, concretizzatisi in un imitazione talmente goffa, ostentata e macroscopica da non poter ingannare nessuno sulla provenienza lecita del bene".*[1]

Il-Codice Penale Taljan jkompli illi dawn ic-cirkostanzi, mhumiex sanzjonibbli: *non punibile.*[2] B' hekk insibu kif dak li jghorkok ghajnejk, ergo, *ictu oculi* mhux kunsidrat bhala tentattiv sabiex persuna tqarraq efettivament lil xi had dejjem konsiderandosi, illi persuna hekk li ser jkun imqarrqa, tkun tal-intelligenza normali li tinstab f' persuni regolari.[3] Issa jsegwi illi fil-kaz odjern, l-appellant lanqas biss ipprova juza dawn il-karti kopji kuluriti b' forma tal-karta vera denominazzjoni 50 ewro. Jsegwi illi tant kien konsapevoli bl-guffacni taghhom fil-falso goroosolano illi dawn intrefghu gewwa kexxun go daru u qatt ma accede sabiex juzhom jew almenu jittenta juzhom.

Illi il-fattur li kollha minn 14 il-karta A4 kellhom l-istess numru registrazzjoni jkompli juri manifestament illi dawn saru permezz ta' printer fotokopji ta' karta vera wahda tal-hamsin ewro. Jsegwi illi f' decizjoni moghtija ricentament, mill-Qorti tal-Magistrati ta` Malta, fil-kawza, *P vs Ravi Kumar*, l-imputat, Indjan appena nizel Malta mill-ajruplan, saret tfittxija fuqu u instabulu 116,200 ewro foloz kollha tal-hamsin ewro karta, izda lit ant kienu mahdumin quasi ezatt bhal veritiera, illi id-Dwana kellhom jappuntaw espert tekniku sabiex jirraporta l-falsita taghhom: Kumar kien ikkundannat piena ta` 13 il-xahar prigunerija, ergo ferm anqas mill-appellant illi nonostante l-falso grossolanita tal-kaz, kien ikkundannat piena ta` 18 il-xahar prigunerija![4]

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

---

[1] Cass. Penale Sez. II 23/03/2015 n. 12088.
[2] Art.474. Codice Penale.
[3] Manzini Vol: II citat f' Cassazione: No: 33214, datata 28/08/2012.
[4] 11.04.2016 per Mag Drs Josette Demicoli.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi nhar is-6 ta' Novembru 2014 xehed l- **Ispettur Malcolm Bondin** u spjega li fl-24 ta' Awwissu, 2014 l-iskwadra kontra id-droga kienu segwew mandat ta' tfittxija f'garage fi Triq FM Ferrettis, B'Bugia mgharufa bhala tal-Qajjenza u dan wara li mill-invstigazzjonijiet li ghamlu kien irrizultalhom li kien hemm tlett persuni li kienu qed jittraffikaw id-droga u fosthom kellu jigi invstigat l-appellant. Huwa kien mar f'dan il-garage u waqt li kienu ghaddejjin fuq din it-tfittxija mar fuq il-post l-appellant flimkien ma ibnu u waqqafhom u infurmah li kellu mandat ta' tfitxxija u minn hemmhekk komplew bit-tfittxija .

Wara kien baghat lil PC 923, PC 760 u WPC 23 biex ikomplu bit-tfittxija fir-residenza tal-appellant u cioe' fil-flat numru 16, Block C, Binja tal-Gvern B'Bugia u waqt it-tfittxija f'gwardarobba, f'gakketta sabu erbatax-il karta tal-hamsin euro (€50) li dehru suspettuzi. Huma kienu gabuhom fl-ufficcju flimkien mal-appellant sabiex tkompli l-investigazzjoni. Huwa esebixxa serial bag numru S00699143 kontinenti dawn il-karti erbatax tal-€50. Dawn gew markati bhala dok MB1.

Meta l-appellant mar l-ufficcju tieghu rega tah it-twissijiet u d-dritt li jkellem lill-avukat u dan qallu li ma kellux ghalfejn u kien iffirma dikjarazzjoni f'dan is-sens. Prezenti mieghu ghal din id-dikjarazzjoni kienu PC 1036 Jonathon Pace u l-Ispettur Anne Marie Micallef. Din l-istqarrija giet markata bhala dok MB 2.

Minn hemmhekk komplew bl-investigazzjoni fil-konfront tas-Sur Jonathon Farrugia fejn l-investigazzjoni kompliet fuq zewg binarji dik ta' droga peress li fi-garage ta' B'Bugia kienu instabu xi zereriegha suspettati Cannabis go bot u rigward l-istess informazzjoni li kellhom dwar traffikar tad-droga Vannabis u fit-tieni lok komplew jinvetigaw da nil-kaz ta' allegat flus foloz fejn l-appellant kien tahom spjeazzjoni li

ien ghamel dawn il-flejjes xi sena qabel meta kien xtara printer tal-kulur u kien ghamilhom hu stess gewwa daru biex jilghabu bihom t-tfal bhala Monnopoly.

Huwa staqsih kemm kien ghamel minnhom b'kollox u dan qallu li apparti dawk il-karti misjuba kien ghamel zewg karti ohra pero' kienu tqattghu mit-tfal u meta staqsih xi printer kien uza u dan qallu li l-printer ukoll tkisser u li ma kienx ghadu fil-pussess tieghu. Huwa esebixxa dawn il-flus flimkien ma l-istqarrija Dok MB 3.

Huwa kien ghadda il-flus lil branka tal-frodi taghhom ghax ghandhom section apposta meta jkollhom flus foloz fic cirkolazzjoni dawn jigu elevate u mghoddija lilhom. Fil-fatt jghid li kien ghaddihom lil WPC 103 Marcelle Mifsud fejn min naha taghha kienet ghamlet il-kuntatti necessarji mal-Bank of Valletta biex tivverifika dawn il-flus jekk humiex foloz jew le u esebixxa zewg ricevuti, wahda markata bhala dok MB4 li kien ghadda lil WPC 103 Mifsud nhar il-25 ta' Awwissu biex jigu verifikati l-istess flejjes u l-ohra markata bhal dok MB5 fejn l-istess WPC 103 ghaddiet il-flus lil National Countefeit Office ( fol. 20).

Illi nhar is-26 ta' Frar, 2015 rega xehd x-xhud u esebixxa vera kopja ta' sentenza fl-ismijiet il Pulizija vs Jonathon Farrugia li nghatat 2 ta' Gunju 2011 mill-allura MAgistrat Dr Saviour Demicoli fejn fiha hem mil-konnotati kollha tal-appellant odjern Din giet esebita u markata bhala dok MB6 a fol. 50. Din is-sentenza tirreferi ghall-akkuzia ta' ta traffic fejn kien instab hati u kkundannat ihalals multa.

**Adrian Bonello** xehed nhar is-6 ta' Novembru 2014 xehed ghan-nom u in rappresentanza tal-Bank Centrali ta' Malta u muri id-dokument MB1 ighid li dan hu dokument li jixbah il €50 izda m ghandha l-ebda kwalita' li jghidulha 'look feel and tilt'. Spjega li l-karta normali tal-flejjes tkun daqxejn hoxna tal-cotton u tizloq waqt li dik murija lilu ghandha stampa sewda. Jghid li lanqas is-security features ma jhidru fuq id-dokument muri lilu u wisq inqas il-water mark ma tidher. Ghalhekk hija evidenti li mad-daqqa t'ghajna id-dokument hu falz. Jigifieri li mill-ewwel mad-daqqa t'ghajn meta tara id-dokument tinduna li ma hiex genwina.

Meta ezamina il-flejjes depositati jghid li kollha kellhom l-istess serial number. B' hekk min ghamel dan qabad u ghamel fotokopja ta' l-istess wahda.

Qal li huwa ra rapport maghmul minn Joseph Bonnici datat 18 ta' Settembru, 2010 li hu espert u jghid li l-flejjes esebiti huma identici mad- deskrizzjoni moghti f'dan ir-rapport u fil-fatt jekk mitlub jghati rapport kul ma ser jghamel hu li jghamel kopja tar-rapport u jiffirmah. Mistoqsi jekk dan ir-rapport kienx sar ghal din il-kawza jghid li ma jafx pero hu datat 18 ta' Settembru 2010. Ikkonferma li l-kaz rapportat f'dak ir rapport hu identiku ghal kaz in esami fejn is-serial number tal- karta hija l-istess.

Ix-xhud rega xehed nhar il-5 ta' Novembru, 2015 spjega li meta jinsabu flus foloz fic-cirkolazzjoni dawn jinghataw lil Bank Centrali ghad distruzzjoni per f'dan il-ka zil-flus ghadhom qedin il-Qorti. Mistoqsi jekk kellhomx rapport li dawn il-flejjes bl-istess serial number intuzawx f'postijeit ohra jghid li iva kellhom hames rapport u b'kollox intuzaw ghoxrin karta f'bnadi diversi.

**PS 923 Pierre Guido Saliba** xehed li nhar l-24 ta' Awwissu, 2013 filghodu kienu qed jesegwixxu mandat gewwa fond il-Qajjenza. Prezenti kien hemm terza persuna u wra wasal ukoll l-appellant. Waqfu mis-search u l-appellant ignhta it-twissija mill-Ispettur Malcolm Bondin. Mill-garage gew elevate xi zeriegha sispettati Indian Hemp u xi bullets minn go container. X'hin kien lest is-search tal-garaxx ipprocedew flimkien mal-appellant fir-residenza tighu fil-Housing estate u mill gwardarobba gew elevati erbtax-il karta tal-flus tal-€50i dehru li kienu 'forged' kif ukoll numru ta' skratax ta' senter. Dak il-hin l-appellant quddiem PS 64 qal li kien ghamilhom biex jilghab mat-tfal , Muri d-dokument MB 1 jghid li dak hu d-dokument in kwistjoni.

Rat id-dokument markat bhala dok AB1 (fol. 28) li hu rapport li sar mill-espert Joseoh Bonnici pero ma jirrizultax li sar I nkonnesjoni mal-kawza odjerna izda li kien possibilment gie prezentat f'kawza ohra quddiem Jonathon Farrugia dwar valuta tal-ewro karta wahda ta' denominazzjoi €50 bin-numru serjali P 21830668237 liema dokument ken irrizutla li kien falz. Jinghad pero li l-erbatax-il karta li hemm esebit

fl-atti ukoll ghandhom l-istess valuta ta' euro l-istess denominazzjoni ta' €50 u bl-istess serial number P 21830668237.

**PC 760 Christopher Saliba** xehed nhar is-26 ta' Frar 2015 u spjega li nhar l-24 ta' Awwissu 2013 kien gie mitlub sabeix ghall-habta ta' 2.30p.m jghamel tfittxija fir-residenza ta' Jonathon Farrugia gewwa il-fond bInja C flat 16, Qasam bini tal-Gvern, B'Bugia fejn ghal din it-tfittxija kienu prezenti l-appellant u l-ispettur Pierre Guido Saliba li dak izzmein kien PC 923. Minn din it tfittxija ikkonferma li mill-kamra tas-sodda minn gewwa gwardarobba sabu ammont ta' flus kontanti ghal valur ta' €700. Dawn kienu kollha tal-€50. B'kollox kien hemm hamsa u tlettin karta fejn metta hasshom mill-feel induna li ma kienux rejali, flus vera u dak il-hin l-appellant qal li dawk kienu jilghabu bihom it-tfal bhal monopoly. Kien elevahom u ghaddihom lill-ispettur Malclm Bondin. Mostoqsi jekk fliex is serial number tal-karti ighid li le ma fliex il-karti .

Illi l-appellant **Jonathon Farrugia** ma xehdx izda kien volontarjament irrilaxja stqarrija a tempo vergine tal- investigazzjoni , liema stqarrija ma gietx kontestata minnu. Spjega illi huwa jahdem bhala part time fisherman u li ghandu dghajsa bu shab ma certu Gafa. Qal li id dighajsa izommuha lejn in naha ta' San Gorg B'Bugia u kienu xtrawha ghal prezz ta' €4,500 pero nefqu xi flus fuqha ghaliex kienu daruha dawra sew. Qal li l-affarijeit tieghu tas-sajd izommhom fil-garaxx ta' dan Gafa jew fuq id-dghajsa stess. Ghid li huwa johrog ta' sikwit u li l-flusli jaqilghu jaqsmuha kollha gili pero imorru minn taht u gili jaqilghu tlett mitt euro kul wiehed fil-gimgha skond ix-xogol tal-hut li jaqbdu. Mistoqsi jekk jafx xi haga dwar il Cannabis li instab fil-garaxx jghid li ma jafx.

Mistoqsi dwar il-flejjes li instabu fil-fat 16 Qasam tal-Bini tal-Gvern Block C B'Bugia jghid li kien ghamilhom sabeix jilghabu bihom uliedu. Kien xtara printer x'aktarx minn B'Bugia ilu ftit u kien ghamilho bih. Ighid li kien ilu xi tlett xninli ghamle dawn il-flus. Mistoqsi x'sar minnu l-printer jghid i kien inksier u ramih. Ftit filfatt laqhaq uzah. Qal li kien poggihom gol gwardarobba ghax kienu tat-tdal. Mistoqsi jekk qattx uza xi karti minnhom jghid li le.

Mistoqsi dwar is-skaratax jghid li kienu ta' nannuh li kien miet u kienu baqghu d-dar. Mistoqsi jekk ghandux xi livcenzja tal-armi jghid li m'ghandux. Mistoqsi xi flus idahhal fil-gimgha jghid li jaqla' ir relief. Loans mal-banek m ghandux. Ikkonferma li kopja tac-cavetta tal-garage ta' Gafa ghandu pero droga qat ma ha'

Ikkunsidrat.

Il-fati fil-qsosor li taw lok ghal dan il-kaz kienu s-segwenti:-

1. Ilil nhar l-24 ta' Awwissu, 2013 saret tfittxija f'garage il-Qajjenza, B'Bugia proprjeta ta' certu Gafa u hemmhekk instabet xi sustanza allegatament droga.
2. Fil-garage dak il-hin ta' tfittxija wasal l-appellant ma ibnu u ghalhekk l-ispettur ta' ordni sabiex issir tfittxija fil-flat tal-appellant 16, Qasam tal- Bini tal-Gvern, Block C, B'Bugia.
3. Fil-presenza tal-appellant instabu xi karti tal- flus li kienu foloz konsistenzi fi valuta ta' euro f'karti tal- €50. Gew eleavti erbatax-il karta.
4. Dawn il-karti gew elevati u in segwitu esebiti f'dawn l-atti a fol. 15.
5. Illi dawn il-karti ta' flus gew murija lill-espert Joseph Bonnici u dan ikkonferma li l-flejjes kienu foloz u fil-fatt kellhom is security marks, il-water marks neqsin u qal li mad-daqqa t'ghajn tinduna li kienu foloz ghaliex il-karta ma kienitx hoxna.
6. Illi irrizulta li kien l-appellant stess fuq ammissjoni tieghu stess li kien ghamel fotokopja ta' dawn il-flejjes xi tlett snin qabel ma instabu ghandu, bil-ghan sabiex uliedu jilghabu bihom il-monopoly.
7. Illi dawn il-flejjes instabu fil-but tal- gakketta tal-appellant f'gwardarobba.
8. Illi jirrizulta ukoll li l- Bank Centrali gja kellu hames rapporti ohra dwar uzu tal-flejjes bl-istess serial number tal-kari tal- €50 li gew sesbiti fl-atti u dan skond dak li xehed Adrian Bonello.
9. Illi jirrizulta ukoll li diga kienet instabet karta ohra ta' l-istess denominazzjoni ta' €50 bl-istess serial number liema karta kienet tifforma parti minn rapport maghmul minn Adrian Bonello u esebit fl-atti b'referenza ghal karta li giet elevata minn xi process fejn l-akkuzat kien proprju Jonathon Farrugia pero dettalji dwar dawk il-proceduri mill-atti ma jirrizultax.

Ikkunsidrat.

Il-gurisprudenza fuq il-materja ta' falsifikazzjoni ssegwi lill-awturi taljani u d-dottrina taghhom, u hija kopjuza ferm.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Alfred Sammut**[5] gie ritenut li fil-ligi taghna u fuq l-iskorta tad-dottrina kontinentali, il-falsifikazzjoni "*falz materjali, tista ssir sew billi jigu falsifikat dokument, kollu jew parti, kif wkoll billi jigi alterat d-dokument genwien.*"

Fi kliem iehor, **Sir Anthony Mamo** fl-appunti tieghu jghid:

"*Our Criminal Code like the models on which it was originally framed, does not give a general definition of forgery, only in respect of certain of the crimes of forgery of public and private writings it specifies the special ways in which the particular crimes may be committed. In two ways may in general a forgery be committed; either by making in whole or in part a false document (counterfoiling) or by altering a genuine document* "

**Francesco Antolisei** fil-ktieb tieghu Manuale di Diritto Penale[6] jghid:

"*In genere il termine falso e' precisamente alla differenza tra non genuinita e non veridicita. Secondo l'insigne autore. Il falzo materiale si ha quando il documento non e' genuino, Il falzo ideologico allorche il documento e' bensi genuino ma non e'veridico perche colui che lo ha formato gli fa dire cose contrarie al veroPer alterazione si devono intendere le modificazioni di qualsiasi specie (agguinte, cancellate, ecc) che al documento autentico vengono apportate dopo le sue definitive formazioni.*"

**Kenny** l-awtur ingliz fil-ktieb **Outlines of Criminal Law**[7] jaghti definizzjoni tal-kelma falsifikazzjoni. Huwa jghid:

---

[5] moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sittax ta' Marzu, 1999
[6] para 135 of 1977 Ediz.
[7] pg. 239

"*It has been stated that a document is not a forgery when it merely contains statements which are false, but only when it falsely purports to be itself that which is not. The simplest and most effective phrase by which to express this rule is to state that for the purposes of the law of forgery the writing must tell a lie about itself.*"

Skond **Glanville Williams** l-awtur fil-ktieb tieghu **Textbook of Criminal Law**[8] jghid illi huwa necessarju illi:

"*the maker must make the document 'in order that it may be used as genuine and secondly, there must be at least the intent to deceive.' The second requirement renders the first ortiose*".

Huwa necessarju illi ghalhekk sabiex jissusti ir-reat fit-tielet akkuza li l-appellant ikollu l-intenzjoni biex jiffalsifika id-dokument sabiex l-allegat vittma jemmen li d-dokument kien genwin. Illi ghalhekk irid jirrizulta d-dolo, mera negligenza mhiex bizzejjed. Hemm bzonn ix-xjenza li ikollu fil-pusess tieghu dokument mahsub biex jixbah u biex ighaddi bhala dik provduta ghal uzu prorpju.

L-awtur taljan famus **Mirto** fil-ktieb tieghu **La Falsita` in Atti**[9] jghid:

"*Il delitto di falsita` in atti si imputa soltanto a titolo di dolo. E` questa un assunto costante della dottrina e della pratica sin dalla antichita`, la quale aveva formulato il principio non nisi dolo mal falsum.*"

Din il-Qorti taghmel referenza ghal sentenza moghtija minnha diversament preseduta fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Jeffrey Busuttil**[10],li simili ghal kaz in dezamina kien jittratta stampar ta' noti fil-munita ewro, iddecidiet:

---

8 taht il-Kapitolu 40 Forgery a fol. 86

9 f'pagna 467

10 Per Onor. Imhallef Dr. Lawrence Quintano, Deciza 9 ta' Lulju, 2014; Appell Kriminali Numru. 86/2014. Konfermata in toto is-sentenza tal-ewwel qorti kif preseduta mill-Onor. Magistrat Dr. Doreen Clarke, Deciza 24 ta' Frar, 2014; Kumpilazzjoni Nru: 1184/2010

*"Jirriżulta minn dak li qal l-imputat lill-Pulizija li kien huwa stess li għamel photocopies tal-flus għand stationery li huwa għażel li ma jsemmix. L-għan kien biex jintużaw f'film u qal ukoll li ħa l-prekawzjoni, permezz ta' linja sewda, sabiex in-nies ma jużawhomx ħażin…..Id-difiża ssottomettiet li wieħed seta' jinduna li dawn ma kinux flus ġenwini mal-ewwel daqqa t'għajn.*

*Min-naħa l-oħra, l-imputat ma kellu ebda ħsieb li jqarraq jekk dawn il-'flus' jaslu f'idejn in-nies.*

*Legalment, is-sottomissjoni li wieħed seta' jinduna li l-flus mhumiex ġenwini mal-ewwel daqqa t'għajn (ictu oculi) ma jgħoddx fejn jidħlu flus li huma meqjusa bħala dokument. Din is-sottomissjoni tista' tgħodd f'sitwazzjonijiet oħrajn kif jgħid il-**Professur Mamo** [11]fit-Tieni Parti tan-Noti tiegħu:*

*'A perfect imitation isnot, of course, necessary. But if the manner of executing the forgery is so clumsy that the forgery itself is obvious almost 'ictu oculi' then the crime of forgery is negatived, although there may be another kind of offence (fraud). **Rex versus L.Cassar C.C.** [12]).....*

*If, however, the forgery has in fact deceived, the question of the manner of the falsity cannot be raised. (C.C. **Rex vs P.Borg** [13]; **Rex vs V.Muscat** [14]; **Rex versus Azzopardi**[15] 2nd February 1942).*

*Min-naħa l-oħra fis-sentenza '**Il-Pulizija vs Jamal Ragib El Badawi'** [16] il-Qorti tal-Appell Kriminali Inferjuri qalet hekk;*

*'Fis-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta tas-17 ta' Ottubru 1997 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Paul Galea**[17], id-differenza bejn il-falz materjali u l-falz ideologiku kif spjegata mill-awturi giet deskritta b'dan il-mod:*

[11] Fol. 160
[12] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fit-18 ta' Novembru 1941
[13] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fis 7 ta' Mejju 1915
[14] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fit- 22 ta' Settembru 1942
[15] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fit- 2 ta' Frar 1942
[16] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fit 12 ta' Jannar 2007

*"filwaqt li fil-kaz tal-falz materjali d-dokument jigi ffalsifikat fl-essenza materjali tieghu, fil-falz ideologiku d-dokument ikun iffalsifikat biss fis-sustanza u cioe` fil-kontenut ideali tiegħu*[18] *Fi kliem Manzini (Trattato, v. VI, n.*
*2296, p.829) ikun hemm falsita` materjali meta d-dokument ikun wiehed mhux genwin (jigifieri jew meta*
*l-awtur apparenti ma jkunx l-awtur reali tad-dokument jew meta d-dokument ikun issubixxa alterazzjonijiet wara l-formazzjoni definittiva tieghu), mentri fil-falz ideologiku, ghalkemm id-dokument*
*ikun ġenwin 'non e' veredico perche' colui che lo ha formato gli fa dire cose contrarie al vero'.*
*Għall-finijiet tad-dottrina in tema ta' falsita` ikun hemm dokument kull fejn hemm kitba, attribwibbli ghal persuna identifikabbli, liema kitba tkun tikkontjeni esposizzjoni ta' fatti jew dikjarazzjoni ta' volonta`*[19] *.*
*S'intendi, b'kitba wiehed ma jifhimx biss is-sinjali alfabetici, iżda tinkludi dawk numeriċi, stenografiċi u anke kriptografiċi, basta li dik il-kitba tesprimi hsieb li jkun jiftiehem minn kulhadd jew minn ċertu numru ta' nies. Il-kitba f'dan is-sens tista' ssir kemm bl-id kif ukoll b'mezzi mekkaniċi, b'mezz indelibbli jew li jista' jitħassar, u fuq kwalsiasi mezz li jista' jieħu, imqar temporaneament, il-messaġġ – karta, parċmina,*
*injam, ġebel, ħadid, plastik, eċċ.*[20]

*Għalhekk, bħalma korrettement qalet l-ewwel Qorti, "huwa possibbli li tiehu karta ta' l-għaxar liri u tbiddlilha xi waħda mill-karatteristiċi tagħha iżda huwa possibbli wkoll li toħloq karta ta' l-ghaxar liri b'kull mezz li jkollok għad-disposizzjoni tiegħek.*

*Dik il-Qorti mbagħad qalet illi fil-każ tal-erba' karti tal-għaxar liri li nstabu fil-pussess ta' l-appellant hemm il-falso materiale. Qalet: "Dan [il-falso materiale] jeżisti fl-4 karti ta' l-għaxar liri li nħolqu minn xi ħadd li seta' uża kull mezz biex fl-ahhar johrog prodott li jixbah l-ghaxar liri Maltija. Il-falz materjali ma jinħoloqx bl-alterazzjoni biss iżda jista' jinholoq ukoll billi wiehed ifassal dokument ġdid. F'dan il-każ il-Qorti mhix qed teskludi li seta' sar minn fuq brochure tal-flus Maltin ghaliex il-kelma 'Specimen' fil-ġenb tidher f'dawn il-brochures….. Fl-aħħarnett l-appellant isostni illi l-ewwel Qorti kienet skorretta meta*

[17] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fits-17 ta' Ottubru 1997
[18] ara Antolisei, F., Manuale di Diritto Penale – Parte Speciale II (Giuffre`, Milano, 1986) p. 604
[19] Antolisei, F., op. cit., p. 594
[20] Onor. Imhallef Dr. David Scicluna

*eskludiet ir-rekwiżit tal-potenzjalita`li d-dokument ikun jista' jqarraq u l-ġurisprudenza citata mill-ewwel Qorti ma tapplikax għal dan il-każ.*

*Din il-Qorti ma taqbilx ma' dan l-ilment peress illi certament biljetti tal-flus huma dokumenti pubblici u għalhekk mhux il-kaz li tigi nvestigata l-potenzjalita` li d-dokumenti in kwistjoni jistgħu jqarrqu.'*

Din il-Qorti għamlet din ir-referenza twila minħabba li din is-sentenza tirrisolvi certu problemi li għandhom x'jaqsmu ma' dan il-każ, partikolarment dwar dak li qalet id-difiza li una volta l-fotokopja tal-karta kienet wahda li mad-daqqa t'ghajn tinduna bil-falsita allura ir-reat ma jissustix mentre fil-fatt kif mistqarr fis-sentenza fuq rapportata il-flus għandhom jitqiesu document pubbliku u għalhekk mhux il-każ li tkun investigata l-potenzjalita' li d-dokumenti in kwistjoni setgħu jqarrqu[21].

Fil-fatt fis-sentenza fuq rapportata ta' Jeffrey Busuttil inghad minn din il-Qorti diversament preseduta li " *huwa pacifiku fil-gurisprudenza taghna li f'materja ta' falsifikazzjoni ta' dokumenti l-iskrimianti tal-grossolanita tal-falsifikazzjoi ma hix applikabbli meta l-falsifikazzjoni tkun saret f'dokument pubbliku[22] , huwa pacifiku ukoll li biljetti ta' flus huma dokumenti publici*".

Dwar il-kuncet ta' xjenzar din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija ricentement fl-ismijiet **il Pulizija vs Francine Cini** [23] fejn saret referenza ghar-rapport dwar il-kaz **Taylor's Central Garages (Exeter) Limited v Roper**[24]**.** Devlin J jaghti numru ta' osservazzjonijiet dwar it-tifsira tal-kelma xjentament "knowingly" u kif tkun stabbilita' x-xjenza f'kaz kriminali:

"*It seems to me to be very important in cases of this sort that lay justices, who are not necessarily very skilled in the handling of evidence and in the drawing of distinctions which the law requires to be drawn, should have explained to them by the prosecution, where the burden is on the prosecution, exactly what sort of knowledge the prosecution desires to be found. There are, I think, three degrees of*

[21] Sotttolinear ta' din il-Qorti
[22] Il PUlizija vs Paul Bonnici deciz fit-30 ta' Gunju 1961
[23] Moghtija mill-Qorti tal-Magistrati ( Ghawdex) bhala qorti ta' Gudikatura kriminali nhar id-9 ta' Ottubru 2018.
[24] Local Government Review Reports volume 115, page 445

*knowledge which it may be relevant to consider in cases of this sort.*

*The first is actual knowledge, and that the justices may infer from the nature of the act that was done, for no man can prove the state of another man's mind, and they may find it, of course, even if the defendant gives evidence to the contrary. They may say: 'We do not believe him. We think that was his state of mind.' They may feel that the evidence falls short of that, and, if they do, they have then to consider what might be described as knowledge of the second degree. They have then to consider whether what the defendant was doing was, as it has been called, shutting his eyes to an obvious means of knowledge. Various expressions have been used to describe that state of mind. I do not think it is necessary to describe it further, certainly not in cases of this type, than by the phrase that was used by Lord Hewart CJ, in a case under this section,* ***Evans v Dell****. What the Lord Chief Justice said was: 'The respondent deliberately refrained from making inquiries, the results of which he might not care to have.'*

*"The third sort of knowledge is what is generally known in law as constructive knowledge. It is what is encompassed by the words 'ought to have known' in the phrase 'knew or ought to have known.' It does not mean actual knowledge at all, it means that the defendant had in effect the means of knowledge. When, therefore, the case of the prosecution is that the defendant failed to make what they think were reasonable inquiries it is, I think, incumbent on the prosecutor to make it quite plain what they are alleging. There is a vast distinction between a state of mind which consists of deliberately refraining from making inquiries, the result of which the person does not care to have, and a state of mind which is merely neglecting to make such inquiries as a reasonable and prudent person would make. If that distinction is kept well in mind, I think justices will have less difficulty in determining what is the true position. The case of shutting the eyes is actual knowledge in the eyes of the law; the case of merely neglecting to make inquiries is not actual knowledge at all, but comes within the legal conception of constructive knowledge, which is not a conception which, generally speaking, has any place in the criminal law.[25]"*

Il-Crown Prosecution Service (CPS) jaghti din l-ispjega ta' "*knowledge*":

[25] Ibid. pg 449

*Implied knowledge for the summary offences includes actual subjective knowledge proven by evidence but it may also include wilful blindness. It is always open to a tribunal of fact to base a finding of knowledge on evidence that the defendant had deliberately shut his eyes to the obvious or refrained from inquiry because he suspected the truth but did not want to have his suspicion confirmed* ***Westminster City Council v Croyalgrange Ltd.***[26]

In **Flintshire CC v Reynolds** [27]it was alleged that Mrs Reynolds had knowingly produced information she knew to be false in a material particular for the purpose of obtaining a benefit or other payment or advantage. Mrs Reynolds evidence was that she signed the form completed by her husband without reading it.

It was held that constructive knowledge is not enough to demonstrate that something has been done knowingly in the context of a criminal statute. (in this instance section 112 SSAA 1992).

F'dan il-kaz jidher car li kien hemm il-falsifikazzjoni u dan ghaliex l-appellant kif del resto stqarr hu stess qabad karta wahda tal- hamsin euro ( €50) u ghamel fotokopja taghha. Dan jidher plawsibbli meta tqis li is-serial number fuq il-karti li instabu huma l-istess. Ghalhekk jesisti il-falsita minkejja l-fatt li ma hax karta tal-hamsin euro u bidlilha xi wahda mill-karetteristici taghha izda xorta holoq karta ta' hamsin euro ( €50) b'kul mezz li kellu u cioe permzz tal-allegat printer li kellu. Il-falsita materjali fid-dokument li instabu ghand l-appellant u cioe fl-erbatax-il karta tal-hamsin euro €50) tikkonsisti fil-att li huwa hareg prodott li jixbah il-hamsin euro (€50) li johrog mill-bank centrali bhala muntia legali. Il-fatt materjali ma jinholoqx BISS mal-alterazzjoni ta' dokument izda jsta jinholoq kif inhu l-kaz in desamina billi wiehed ifassal dokument gdid kif ghamel l-appellant.

L-appellant ma jixhedx kif kellu kul dritt pero kienirrilaxja stqarrija u spjega li l-flejjes kienu ghandu ghaliex kien xtara printer u ghamel fotokopja tal-hamsin euro beix it tfal ikunu jsitghu jilghabu l-monopoly. Din l-ispjegazzjoni pero ma tantx taghti widen ghal fatti kif esposti. Fl-ewwel lok il-flejjes intabu mohbija f'but ta' glekk f'gwardarobba minkejja li skond l-appellant dawn ghamilhom tlett snin qabel

[26] 83 Cr. App. R.155
[27] [2006] EWCH 195 (Admin)

ma instabu mill-pulizija. Il-flejjes ma kienux fejn hemm xi loghob tat-tfal u naturlament ghal loghba tal-monopoly mhux il-munita ta' hamsin euro biss hemm bzonn izda valuri ohra. Fl-ebda hin ma l-appellant wera li kellu l- loghba monopoly[28] jew li kellu xi valuri ohra fil pusess tieghu jew addirittura fil-pusess tat-tfal.

Fit-tieni lok jinghad li l-printer inxtara biex isiru ritratti bil-kulur pero fl-istess hin din il-magna setghet taghmel ukoll fotokopji[29]. Kien ikun ferm aktar irhas li kieku inxtrat il loghba monopoly milli isiru dawn il-fotokopji.

Illi ghalhekk fir-rigward tat-tieni akkuza u cioe li l-appellant kellu l puses ta' dawn il-flejjes minghajr skuza legittima tesisti b'mod sodisfacenti bhal ma tesisti it-tielet reat u cioe li xjentement kellu fil-kustodja tieghu karti mahseuba biex jixbhu u biex jghaddu bhala karti specjali bhal di provduta u wzata ghall-ghemil t abiljetti tal-flus.

Fit tielet lok skond ma qal Adrian Bonello[30] gja kien hemm flejjes ta' din il-kwalita u ta' l-istess denominazzjoni bl-istess serial number fic- cirkolazzjoni u dan meta jghid li kien ircieva mill-inqas hames rapporti uzati f'lokaliltajiet differenti li hu indikattiv li fil-fatt kien hemm aktar minn erbatax-il kopja. Fil-fatt l-appellant ighid li kien ghamel iktar pero tqattghu bil-magna[31].

Dwar il-hames akkuza u cioe ir-recidiva jirrizulta li in effetti l-appellant kien gja instab hati ta' reati ohra kontra l Ordinanza tat Traffiku u dan fit-2 ta' Gunju, 2011 fejn gie kkundannat ihalals multa fl-ammont ta' €117 euros. Illi skond l-artikolu 50 tal- kap 9 tal-ligijiet ta' Malta jirrizulta s-segwenti:-

*"Meta persuna ikkundannata għal delitt, tagħmel delitt ieħor fi żmien għaxar snin minn dak in-nhar li tkun skontat jew tkun ġiet maħfura l-piena, jekk iż-żmien ta' dik il-piena kien iżjed minn ħames snin, jew fi żmien ħames snin, fil-każijiet l-oħra kollha,tista' teħel piena akbar bi grad wieħed mill-piena stabbilita għal dak id-delitt ieħor"*

---

[28] Fix-xhieda tieghu ta' 5 ta' Novembru 2015 fol. 63.
[29] Statement tal-akkuzat a fol. 17 tal-process
[30] Fix-xhieda tieghu ta' 5 ta' Novembru 2015 fol. 63.
[31] Fol. 18 tal-process.

Illi fil-kaz in desamina ma jirrizultax meta in efetti thalset il-multa inflitta u ghalhekk ma jsitax jinghad li in effetti l-appellant skont ail-piena inflitta u cioe hallas il-multa u ghalhekk it terminu tal-ta' ghaxar snin imsemmi fl-artikolu appena citat ma japplikax u ghalhekk jista jingahd li l-appellant mhux recidiv u konsegwetnemt serjigi liberat minn din l-akkuza

Illi huwa minnhu li fil-ġurisprudenza nostrana speċjalement dik reċenti, ġie stabbilit li huwa indesiderabbli li l-Qorti Superjuri tiddisturba d-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti, madanakollu tali diskrezzjoni trid tkun fundata fuq dispożizzjonijiet tal-liġi speċifiċi li jipprovdu l-bażi legali għad-diskrezzjoni applikata mill-Ewwel Qorti.

Din il-forma mentis tal-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali hija ukoll riflessa f'sentenzi oħra ta' l-istess Qorti fosthom **Il-Pulizija vs. Massimiliano Maurizio[32]**, **Il-Pulizija vs. Jeremy James Farrugia[33]** u **Repubblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina[34]**. Din il-ġurisprudenza ormai ben kristallizzata u aċċettata in linea ta' prinċipju fil-ġurisprudenza tagħna, tgħallimna illi l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell għandha tbiddel u tvarja l-piena inflitta minn l-Ewwel Onorabbli Qorti, fil-każijiet fejn dik il-piena ma tkunx pjenament imsejsa fuq dispożizzjonijiet tal-liġi. Dan il-prinċipju kien ġie ukoll kristallizzat fis-sentenza fil-każ **il-Pulizija vs. Joseph Attard[35]**, fejn il-Qorti qalet li:

"*Il-Qorti tal-Appell rarament tbiddel il-piena li tkun imponiet l-ewwel Qorti. Dan taghmlu biss meta jkun manifestament evidenti li dik il-Qorti tkun imponiet xi piena mhux kontemplata mill-ligi ghar-reat in ezami, jew tkun xi piena harxa wisq jew sproporzjonata ghal dak li jkun ghamel il-hati, jew tkun xi piena mhux fil-parametri tal-ligi.*"

31. Qorti ta' l-Appell Kriminali (Inferjuri) preseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono fit-13 ta' Novembru 2003.

32. Qorti ta' l-Appell Kriminali, presjeduta mill- Imhallef Joseph Galea Debono fl-14 ta' Ottubru 2003 (155/2003).

33. Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) mogħtija fl-24 t'April 2003 (numru 10/1994).

35 mogħtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali presjeduta mill-Imħallef Patrick Vella fis-26 ta' Jannar 2001

Illi pero f'din il-kawza din il-Qorti sejra issib lill-appellant ta' akkuza inqas u cioe' dik tar-recidiva u ghalhekk hemm lok ghal-temperament fil-piena.

Din il-Qorti ghalhekk filwaqt li qeda tilqa' l-appell tal-appellant in part billi qeda tikkonferma dik il-parti fejn sabet lill-appellant mhux hati ta' l-ewwel akkuza u illiberatu minnha u tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellant hati tat-tieni u tielet akkuza qeda pero' tvarja l–piena inflitta ghall perjodu ta' erbatax-il xahar prigunerija u qeda qeda tvarja dik il-parti tas-sentenza fejn sabitu hati tar-raba' akkuza u cioe dik ta' recidivita u minflok qeda tilliberah minnha.

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera
Imhallef
VERA KOPJA

Franklin Calleja
Deputat Registratur